# Il-Fratellanzi f'Birkirkara




Pawlu Muscat

Kienet is-sena 1575 meta twaqqfet l-ewwel Fratellanza fil-paroċċa ta' Sant'Elena. Minn dik is-sena sal-lum twaqqfu sitt fratellanzi oħra. Il-ħidma tal-fratellanzi tul dawn is-sekli tbiddlet skont il-bzonn kemm mill-att soċjali u kif ukoll dak reliġjuż sakemm wara t-Tieni Gwerra Dinjija bdew jitilfu ħafna mill-importanza taghhom.

Fil-Kolleġġjata tagħna kien hemm żmien li kien hemm ftit fratelli li jieħdu sehem fil-purċissjonijiet. Għalhekk għall-aħħar tas-snin tmenin inħasset il-ħtieġa li nibdew inrawmu grupp ġdid ta' fratelli żgħażagħ. Wara ħafna ħidma li ma tidhirx in-numru ta' fratelli beda jiżdied. Għalhekk kienet inħasset il-ħtieġa li jsiru ammont ta' muzzetti u konfratiji ġodda biex dawn ilaħħqu man-numru ta' fratelli li minn żmien għal żmien kien qiegħed jiżdied.





Minn dak iż-żmien 'l hawn saru ħafna proġetti oħra li f'dawn il-kelmtejn huwa diffiċli biex issemihom kollha. Iżda żgur li waħda mill-akbar opri li saru kien meta f'temp ta' tliet snin saru sitt standarti ġodda rrakkmati biex jintużaw fil-festi prinċipali. Dawn saru biex nipreservaw l-istandarti primi li kienu jintużaw fil-festa ta' Sant'Elena. Tul is-snin ittieħdu deċiżjonijiet li kienu daqxejn difficli iżda ħallew il-frott pożittiv tagħhom bħalma kienet meta iddeċidejna li nibdew nilbsu il-kappun biex b'hekk l-uniformi tal-fratellanzi tkun kompluta.

Jien nemmen illi fil-ħajja trid

taħdem biex tibqa' miexi 'l quddiem u tiżviluppa. Tliet snin ilu erġajna bdejna noħorgu t-tfal tal-Fratellanza tad-Duttrina li kienet ilha nieqsa għexiren ta' snin mill-purcissjoni ta' Sant'Elena. Dan taha enerġija ġdida lit-tfal biex jibdew jiġu jilbsu fil-purċissjonijiet tagħna. Madwar sentejn ilu ġieni l-ħsieb li nibdew il-consorelle fil-fratellanzi tagħna. Ngħid il-verità, kien hemm min kien xettiku. Din is-sena bl-approvazzjoni tal-Kapitlu introduċejna il-consorelle fil-pellegrinagg ta' Ras ir-Randan. Kienet sorpriża għalina li l-inklużżjoni tal-consorelle se tiġi milqugħa daqshekk tajjeb u jkollna appoġġ biex inkomplu nimxu f'dan il-pass. Ir-rispons huwa tajjeb ħafna fejn fi ftit xhur in-numru tal-consorelle żdied sostanzjalment.

Waqt li qed nikteb dan l-artiklu għaddejja ħidma biex fil-festa ta' din is-sena issir il-professjoni tal-fratelli u consorelle fil-Fratellanzi rispettivi. Ix-xogħol ma jiqafx hawn, fadal ħafna x'nagħmlu u għalhekk nagħmel appell min jixtieq jissieħeb mal-Fratellanzi jkellimna u aħna nagħtuh l-informazzjoni meħtiega. Minn qalbi u f'isem sħabi nawgura l-festa t-tajba lill-Karkariżi kollha u bis-sehem tagħna nkomplu ngħinu biex ikollna festa serja u dinjituża li tagħti glorja lil Alla u ġieh lill-patruna tagħna Sant'Elena.

GARDENIA
home centre

11, Triq Tumas Fenech B'Kara BKR2526
*(opposite B'Kara Local Council)*
Tel: 2149 0920
Email: chris@gardenia.com.mt
www.gardenia.com.mt



*MAJOR BRANDS OF AIRCONDITIONERS AVALIABLE*
*9000 BTUs to 24000 BTUs including installation*

Latest LCD and LED TV in stock. FULL HD and 3D

**LG-Samsung-Thomson-Sony and other brands**

**TRY OUR ONLINE SHOP ON www.gardenia.com.mt**

**• Household appliances • Small Appliances • Hi-Fi systems • Televisions• Satellite Systems • DVD systems • Video Cameras • Digital Cameras**